**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 45

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5.15 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier
Daniel Mallia– Viċi Sindku

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

45.1.1 Ittri ta' apoloġiji ma kienx hemm.

### 45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 44

45.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-erbgħa u erbgħin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

45.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

45.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra, l-minuti tal-erbgħa u erbgħin laqgħa ġew approvati unanimament.

### 45.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

45.3.1 Is-Sur Dalli qal kif fl-24 ta' Awwissu huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' CEO l-ġdid ta' IM, is-Sur Ivan Falzon, fejn ikkonfermaw il-ftheim li kellu l-kunsill diġa ma' IM biex jinbidel il-pavimentar ta' parti minn Vjal it-Trasfigurazzjoni (minn Triq Fernand Grech sat-tarf tal-Vjal it-Trasfigurazzjoni). Ic-CEO xtaq li qabel ma jibda dan ix-xogħol, il-kunsill iġib stima ta' kemm se jiswa l-proġett. Din l-istima diġa ġiet mitluba mingħand il-Perit Bezzina biex jaħdem in-nefqa totali. Waqt dan il-meeting is-Sindku qal kif huwa talab ukoll lis-Sur Falzon biex IM fejn tista tagħti l-għajnuna tagħha biex il-kunsill ikun jista jirranġa u jagħti wiċċ ġdid ukoll lil xi sqaqien ġewwa r-raħal. S'issa jidher li għajnuna jaf tingħata.

45.3.2 Is-Sindku qal kif il-kunsill irrid jaħseb biex ibierek l-uffiċini amministrattivi ġodda. Huwa tal-ħsieb li għal waqt din l-okażżjoni jkunu mistiedna:

- Is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali;
- Il-Kellim ewlieni dwar il-Kunsilli Lokali tal-Oppożizzjoni;
- Id-Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali;
- Il-President u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Lvant;
- Il-Kappillan u
- Il-Ħaddiema kollha tal-kunsill.

Dan it-tberik irid isir filgħodu biex il-ħaddiema tal-kunsill kemm jista jkun ikunu kollha preżenti. Is-Sur Dalli qal kif wieħed irid jiftakar kemm dawn għamlu xogħol biex kien ta' suċċess għal kunsill li jiftaħ u jibda jopera mill-uffiċċju amministrattiv il-ġdid tiegħu. Ġie miftiehem li dan it-tberik għandu jiprova jsir fit-tieni ġimgħa ta' Ottubru. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif il-kunsill il-quddiem għandu jibda jaħseb biex isib art jew binja li tista tintuża għal dejjem bħala uffiċċini tal-kunsill, għaliex wieħed irid jiftakar kif il-binja li akkwista l-kunsill riċenti, ingħata permess għalija biex tintuża bħala uffiċini mill-Awtorita tal-Ippjanar għal ħames snin biss.

45.3.3 Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera kif l-iBins fi Triq il-Preziosi kantuniera ma' Triq il-Mosta ġew installati. Issa għadt baqa biss li jitpoġġa arblu biex fuqi titweħħel CCTV camera u fakkar kif dan l-arblu ser ikun qed issir bl-ispejjeż tal-kunsill.

### 45.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

45.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm, pero s-Sur Zahra xtaq jikklarifika mistoqsija żgħira li s-Sindku ma sabx oġġezzjoni biex iwieġeb għaliha. Is-Sur Zahra tkellem dwar l-arblu tad-dawl viċin tal-Bini tal-Gvern, li kien irrapurtah lil kunsill għax kien tassew mawweġ u anke ta' periklu. Il-Kunsillier Zahra qal kif sa fl-aħħar Enemalta marret fuq il-post u qed tagħmel il-manutenzzjoni meħtieġa fuq l-arblu.

45.4.2 Fejn dan l-istess arblu xi ħadd qallu li hemm siġra mejta, u peress li għandha parti kbira miz-zokk nixef, faċilment jaf taqa. Is-Sur Zahra staqsa lis-Sindku jekk jafx b'din is-siġra. Is-Sindku wieġeb kif suppost fejn il-Bini tal-Gvern

m'hemmx siġar mejta għaliex riċenti l-ġardinar għamel xi żbir fl-akwata u kieku dan informa lil kunsill kif dejjem jagħmel. Is-Sindku talab lis-Sur Zahra biex jibgħat ritratt lis-Segretarju Eżekuttiv ta' din is-siġra biex ikun jista jidentifika aħjar il-problema u jekk filkas ikellem lil ġardinar minnufih biex imur jiċċekja.

**Il-Ħin kien propju 5:38pm, x'ħin wasal il-Viċi Sindku Daniel Mallia.**

## 45.5 Korrispondenza

45.5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf dwar xiex titratta korrispondenza numru 00140. Is-Sindku nfurmaha kif hemm resident li joqgħod Triq il-Mitħna viċin il-Kappella tal-Kunċizzjoni li qed jitlob biex issir culvert tal-ilma għax min wara li saret it-triq mill-Enemelta meta tpoġġa il-cable, dan qed jgħid li qed jidħollu l-ilma. Enemalta ma setatx tagħmilu culvert għaliex dan ir-resident nfurma lil entita tard wisq, wara li tlesta x-xogħol, allura dan ir-resident issa qed jitlob lil kunsill biex jagħmlu. Il-Kunsill talab lil perit imur fuq il-post jiċċekja dwar dan u il-perit qal li fin-nofs tat-triq diġa hemm culvert li suppost biżejjed biex jiflaħ jiġbor l-ilma meta tagħmel ix-xita f'din it-triq. Il-Perit innota ukoll li dan ir-resident għandu xi sadd minn naħa tiegħu u nforma lil kunsill biex ikellem lir-resident dwar dan.

45.5.2 Is-Sur Cini xtaq ikun jaf dwar xiex titratta korrispondenza numru 00138. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmawh kif dik titratta dwar korrispondenza bejn il-Kunsill u IM, biex tinstab data meta ser isiru il-kumplament tas-sinjali tat-traffiku u jitweħlu t-tabelli li għadhom ma sarux fi Triq il-Kbira wara li din ingħatat wiċċ ġdid bit-tarmac. Baqa xi sinjali u tabelli tat-traffiku x'jiġu mplimentati fil-parti mill-Ispiżerija sa ħdejn il-Kappella ta' Santa Marija.

45.5.3 Is-Sur Zahra staqsa dwar xiex titratta korrispondenza numru 00143. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu kif din hija korrispondenza mibgħuta minn persuna biex ikun jaf fiex wasal l-iżvilupp tal-Moulin D'Or fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, peress li dan l-iżvilupp issa ilu ferm wieqaf u qed jikkawża diversi nkonvenjenzi, speċjalment il-problema ta' blind corner li hemm bil-boundary wall. Naturalment dan ir-resident ġie nfurmat kif informazzjoni preċiża bħal din tista tiġi akkwistatha mingħand il-Planning Authority u mhux mill-kunsill.

45.5.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia riedet tkun taf dwar korrispondenza numru 00165. Is-Sindku nfurmaha kif dik hija korrispondenza bejn il-Kunsill u l-President tal-klabb tal-Boċċi dwar diversi affarijiet, waħda minnhom biex titnaddaf l-akwata ta' wara l-boċċi għaliex din kienet mimlija ħmieġ u affarijiet għar-rimi. Filfatt fil-jiem li ġejjien is-Sindku qal li ser ikun qed jiltaqgħa mal-Klabb tal-Boċċi biex jitkelmu dwar l-andament tal-partijiet fil-ġnien Rikreattiv li jaqaw fir-responsabbilta ta' dan il-klabb.

## 45.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju FINALI għas-sena 2021

45.6.1 B'relazzjoni mal-*audit* li riċentament sar għas-sena 2021, is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill, ir-Rapport Finanzjarju finali għal dik is-sena. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat b'permezz ta' imejl lis-sindku u lil kunsilliera.

45.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan ir-rapport diġa kien ġie ppreparat mill-accountant, pero dan ir-rapport kien għadu *unaudited* u mhux finali. Peress li l-awdituri rrakomandaw li jsiru xi aġġustamenti fuq l-*unaudited financial report*, dan ir-rapport u l-kontenut kollu relatat miegħu għandu issa jerġa jiġi approvat bl-aġġustamenti li naturalment saru mill-accountant tal-kunsill fuq bażi ta' x'ġie rrakomandat li għandu jkun aġġustat mill-awdituri. Din hija parti mill-proċedura tal-*audit* li ssir għal kull sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lil kunsilliera li jekk għandhom xi mistoqsijiet dwar dan ir-rapport hija ser tieħu nota tagħhom u tgħaddihom għall-attenzjoni tal-accountant. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

45.6.3 Is-Sinjorina Borg, kompliet billi għamlet stqarrija żgħira. B'diżappunt, hija qalet li xejn mhi kuntenta bil-performance kemm tal-accountant u kif ukoll tal-accounting technician. Dawn meta jaħdmu mhux qed jikko-operaw ma'xulxin u mhux dejjem jaqblu fuq il-metodi tal-accounts li jużaw biex tiddaħħal l-informazzjoni fis-sage u minħabba dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom il-proċess tal-audit kien wieħed twil. Filfatt hija spjegat kif dan ir-rapport finanzjarju finali suppost ilu li ġie ppreżentat fil-kunsill pero minħabba korrispondenza li damet ferm wisq bejn l-awdituri u l-accountant, u dan peress li l-accountant naqas milli jwiegeb xi klarifikazzjonijiet addizzjonali sa ċertu żmien, dan ir-rapport ma seta qatt jiġi ppreżentat u approvat mill-kunsill sa ċertu żmien stipulat. Issa minħabba li ġara dan, is-Sinjorina Borg bħala Segretarju Eżekuttiv spjegat kif, hija ġiet ikkuntatjatha darbtejn bi warnings mill-Awditur Ġenerali tal-NAO biex tagħti spjegazzjoni ta' dan in-nuqqas. Is-Sinjorina Borg qalet li mhux sew minħabba n-nuqqasijiet tal-accountant u n-nuqqas ta' komunikazzjoni li huwa għandu mal-accountant technician, qiegħda

kull darba tidher kerha hi f'isem il-kunsill kollu, meta minn naħa tal-amministrazzjoni tal-kunsill bħala proċess ta' audit, klarifikazzjonijiet addizzjonali ma kienx hemm u kollox kien ikkomunikat kif suppost mal-awdituri ferm qabel iż-żmien. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhux ser titollera aktar nuqqasijiet mingħand l-accountant.

45.6.4 Wara din l-istqarrija, is-Segretarju Eżekuttiv umbgħad spjegat kif l-awdituri għandhom bżonn 8 kopji ta' dan ir-rapport ffirmat u appena dan jiġi approvat ser jintbgħat minnufih lil Grant Thorton ħalli b'hekk umbgħad l-istadju li jmiss ikun li tinħareġ il-*managementt letter* fejn il-kunsill irid iwieġeb għaliha.

45.6.5 Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju finali fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli li kien issekondat mill-Kunsilliera kollha b'mod unanimu.

## 45.7 *End of Summer Family Festival*

45.7.1 Is-Sindku tkellem dwar l-attivita li ser ikun qed itella l-kunsill fil-jiem li ġejjien bi kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Lvant, bl-isem 'End of Summer Family Festival'. Is-Sur Dalli qal li kif diġa jaf kulħadd din l-attivita ser issir nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru bejn 6:00pm u 11:00pm, fil-Pjazza Trasfigurazzjoni. Din hija attivita għal familja kollha u kulħadd mistieden jattendi fejn id-dħul għal din l-attivita huwa b'xejn.

45.7.2 Is-Sur Dalli qal kif il-ħaddiema tal-kunsill bħalissa għaddejjin iqasmu l-flyers ta' dan il-festival, fir-residenzi kollha ġewwa Ħal Lija. Kopja ta' dan il-flyer anke intbgħat diġa għall-attenzjoni tal-Kunsilliera kollha. Is-Sur Dalli fil-qasir spjega kif ser ikun imqassam dan il-festival u fiex jikkonsisti bħala program, attivitajiet u entertainment.

45.7.3 Bażikament il-pjan huwa li ser ikun hemm bouncy castle bejn 6:00pm – 11:00pm, trampolin bejn 6:00pm -11:00pm, magician bejn 7:00pm-9:00pm, Ballon modelling bejn 7:00pm -10:00pm u ser titpoġġa giant snakes and ladders bejn 6:30pm -9:30pm. Is-Sindku xtaq li ssir anke clown show bejn 7:30pm -9:30pm, pero clown available f'dak il-ħin m'hemmx. Dawn l-affarijiet kollha ser jiswew madwar 780 EUR mingħand Jump Malta.

45.7.4 Ser ikun hemm ukoll fun train iddur fir-raħal bejn 6:30pm-10:30pm. Din ser tibda ssuq mill-Pjazza, tgħaddi minn Triq il-Kbira għal Triq il-Forn u terġa tiġi lura fil-pjazza minn fejn il-każin San Pio. It-Train tiflaħ 45-il persuna nkluż wheelchair wieħed. Din ser tammonta għal madwar 600 EUR.

45.7.5 Ser ikun hemm il-banda ta' San Pio X iddoq bejn 6:00pm u 8:00pm. Il-Każin ta' San Pio X ser ikun qed jieħu ħsieb bar bid-drinks, burgers, hotdogs u kif ukoll tisjier tal-fniek. Ser jingħataw ukoll xi flixken tal-ilma b'xejn li l-kunsill ser ikun qed iġġib mingħand Farsons. Ukoll ser ikun hemm sweet corner bil-bejgħ tal-ġelat, doughnuts u mqaret.

45.7.6 Bejn 8:00pm – 11:00pm ser ikun għaddej live entertainment. Il-Kunsill ġab diversi kwotazzjonijiet għal dan l-entertainment fosthom mingħand Versatile Bras, Kurt Calleja, Ozzy Lino u Mark Spiteri Lucas. Hawnhekk is-Sindku ħareġ mill-kamra sakemm il-kunsill qabel dwar il-kwotazzjoni li ser tintagħżel minn dawk l-imsemmija, peress li jaf wieħed mill-persuni li tefa l-kwotazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-kontenut tal-kwotazzjonijiet kollha mibgħuta u ġie deċiż b'mod unanimu fuq proposta tal-Kunsillier Zahra li kien issekondat mill-Kunsillier Cini li tintagħżel l-irħas kwotazzjoni, dik ta' Mark Spiteri Lucas. Is-Sindku reġgħa daħal lura fil-kamra.

45.7.7 Wara saret diskussjoni dwar floodlights li ser ikunu qegħdin jinkrew biex tinxtgħel kemm il-faċċata tal-knisja u kif ukoll il-Pjazza. Is-Sindku qal kif il-kunsill qed jistenna kwotazzjoni mingħand Attrans għal dan is-servizz pero l-kunsillier Zahra lest joffri s-servizz tiegħu biex tinxtgħel il-faċċata tal-Knisja biss. Is-Sur Zahra kellu joħroġ daqsxejn mill-kamra minħabba kunflitt ta' interess sakemm ittieħdet deċiżjoni dwar liema floodlights ser jinkrew. Is-Sindku qal kif il-kwotazzjoni tas-Sur Zahra ser tammonta madwar 500 eur biex tinxtgħel il-faċċata tal-Knisja biss. Il-Kumpanija Attrans għadha ma batitx il-prezz tagħha kemm tieħu biex tinxtgħel kemm il-faċċata tal-Knisja (warm white) u kif ukoll il-pjazza (white). Allura s-Sindku tal-fehma li l-kunsill għandu jistenna l-kwotazzjoni ta' Attrans ħalli jara kemm ser tkun b'kollox l-ispiża u umbgħad jiddeċiedi minn ser jintagħżel bl-irħas prezz biex jagħti iż-żewġ servizzi ta' dawl, jiġifieri jekk mhux kollox ser jittieħed mingħand Attrans jew inkella parti mingħand il-kunsillier Zahra u parti mingħand Attrans. Il-Kunsilliera lkoll qablu. Il-Kunsillier Zahra ġie mgħajjat biex jerġa jidħol lura fil-kamra u ġie nfurmat bid-deċiżjoni li ttieħdet.

45.7.8 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif bħala supply ta' dawl għal dan il-festival ser jittieħed supply mingħand il-Kappillan. Dakinhar il-kunsill ser ikun assistit mill-Community officers minħabba t-traffic diversion u anke mill-Korp tal-Pulizija għal Buon Ordni. Fuq il-post ser ikun hemm Ambulanza għal xi aċċident li jista jinqala, Alla jħares qatt.

45.7.9 Il-Kunsill ser jitlob lil kuntrattur tal-latrini biex ikun hemm attendant fil-latrini tal-pjazza bejn 6:00pm -11:00pm. Ser jintalbu ukoll litter bins mingħand il-kuntrattur tal-iskart u kif ukoll kennis wieħed bejn 6:00pm – 12:00am.

45.7.10 Is-Sindku qal kif il-kunsill baqalu ukoll jordna mitt (100) siġġu biex jitpoġġew fil-pjazza wkoll, għal min ikun irid jistrieħ ftit. Il-Kunsill ser jiprova jordna dawn is-siġġijiet mingħand Ġino tables and chairs. Is-Sur Zahra qal kif f'każ li jkun hemm xi problema huwa jafu sew lil Ġino u jista jkelmu hu.

45.7.11 Il-Kunsill irid ukoll jordna fotografu biex jittieħdu xi ritratti waqt din l-attivita għax bix-xieraq jinżammu bħala memorja.

45.7.12 Is-Sur Dalli reġgħa fakkar kif l-ispejjeż marbutin ma' dan il-festival kollha ser jittieħdu minn fond allokat mir-Reġjun Lvant taħt l-iskema Proġetti tal-Kultura, Sports, Mużika, Jum il-Lokal u Baned (€16,000). Is-Sur Dalli qal lil Kunsilliera ukoll biex jekk jaħsbu f'xi ħaġa oħra li jaf ma ssemmitx u jixtiequ li tkun miżjuda f'dan il-Festival, bil-qalb kollha jistgħu jaqsmu l-opinjonijiet tagħhom diment li jkunu għadhom fil-ħin biex jagħmlu dan.

45.7.13 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġġerit biex issir kuntatt mal-NGO 'Żibel' u titpoġġa xibka li fiha n-nies jistgħu jitfgħu l-plastik. Is-Sindku qal kif jaf b'din l-inizjattiva, u filfatt din l-NGO diġa sar kuntatt magħha fi żmien il-festa tas-Salvatur fejn is-Sindku prova jitlob biex din ix-xibka titpoġġa fil-pjazza waqt il-festa, iżda din l-NGO qatt ma kelmet lil kunsill lura meta ġiet avviċinatha.

45.7.14 Il-Viċi Sindku ssuġġerrixa biex il-flyer li ttella fuq FB ta' dan il-Festival jiġi boosted. FB għandu faċilita li biha tista tagħmel boost tal-posts li ma tantx tiswa. Il-Kunsill ħa nkunsiderazzjoni dan is-suġġeriment u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ser jaraw kif din tista ssir. F'każ ta' diffikulta s-Sur Daniel Mallia lest li jkun ta' assistenza.

## 45.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

45.8.1.1 <u>Pitch 5-a-side – Imejl mingħand il-Klabb tal-Futbol</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill imejl mingħand il-President tal-Klabb tal-Futbol dwar l-urġenża li dan il-klabb għandu biex jagħmel użu mill-5-a-side pitch li hemm fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Is-Sinjorina Borg qrat l-imejl mibgħutha lil kunsilliera, li kienet tinkludi kemm il-korrispondenza mill-klabb u kif ukoll it-tweġibiet tal-kunsill lura.

45.8.1.2 Wara spjegazzjoni aktar elaborata mgħottija mis-Sindku dwar dan il-każ u diskussjoni li saret bejn il-kunsill kollu ġie deċiż li l-kunsill għandu jikteb lil President tal-klabb ta' futbol lura fejn jinfurmah li l-Kunsill lokali mhux lest li jieħu taħt ir-responsabbilta tiegħu dan il-5-a-side pitch fl-istat li hu. Il-Kunsill qed jaqbel mal-klabb meta jgħid li jekk hemm xi problema, il-klabb lest jieħu l-ground direttament mingħand l-Awtorita tal-Ippjanar. Għalhekk diment li l-kunsill mhux lest li jieħu dan il-pitch kif inhu, ma jsibx oġġezzjoni li jċedih u ma jarax li hemm problema jekk il-klabb jixtieq jieħdu dirett hu bħala entita mingħand l-Awtorita. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tinforma lil President tal-Klabb.

45.8.2.1 <u>Skema tar-Reġjun Lvant biex isiru Proġetti ta' titjieb fil-lokalita (€35,000)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill skema maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Lvant b'fond ta' €35,000, fejn il-kunsill jista jfassal diversi proġetti ta' titjieb fil-lokalita. Flimkien mas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta biex minn dawn il-fondi l-kunsill jagħmel fanali ġodda fi Triq Preziosi Sqaq nru 2 (madwar 15 il-fanal) u kif ukoll lampi ġodda u sistema ta' dawl ġdida fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv.

45.8.2.2 Dawn il-proġetti bil-fondi allokati għandhom jitwettqu sal-aħħar tal-Ottubru u għalhekk il-Kunsill għandu jaħtaf din l-opportunita biex issir it-tijieb li qed jiġi propost. Is-Sinjorina Borg ħalliet f'idejn is-Sindku biex ikompli jitkellem aktar fid-dettal dwar dan l-item.

45.8.2.3 Is-Sindku qal li kif qalet tajjeb is-Segretarju Eżekuttiv il-kunsill għandu ċans jutilizza 35,000 EUR biex isir titjieb fil-lokalita. Huwa tal-parir li bi parti minn dawn il-fondi, il-kunsill ikompli jibdel il-fanali u jmiss li jinbidlu l-fanali ta' Triq Preziosi Sqaq nru 2 fejn b'kollox hemm bżonn tlettax il-fanal u l-kunsill allura jista jaħseb mill-ewwel biex jixtri ħmistax il-fanal, dan biex il-kunsill ikollu żewġ fanali żejda f'każ li wieħed mill-fanali ġġarrab xi ħsara fuqu.

45.8.2.4 Is-Sur Dalli żied jgħid li bil-kumplament tal-fondi, huwa tajjab għal kunsill li jinvesti fi lampi ġodda u sistema ġdida ta' dawl fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Is-Sindku qal li bejn wieħed u ieħor kull fanal ser jammonta għal madwar 400

EUR. Aktar informazzjoni dwar dawn il-fanali u s-sistema tad-dawl fil-ġnien Ċentru Rikreattiv ser jingħataw il-quddiem għaliex is-Sindku pprepara rapport propju fuq il-Ġnien Ċentru Rikreattiv.

45.8.2.5 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu biex dan il-fond ta' titjieb fil-lokalita jiġi utilizzat kif ssuġġeriet mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tinforma lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Lvant b'din l-informazzjoni u ser tordna l-fanali mingħand il-kuntrattur biex dawn jaslu u jitweħlu saż-żmien stipulat.

45.8.3.1 <u>Sejħa (Ħruġ ta' Tender) tat-Tindif tal-Latrini Pubbliċi (BBQR Tender) u estenzjoni tas-servizz kurrenti f'każ ta' bżonn</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kopja tat-tender li ġie ppreparat mill-ġdid biex jinħareġ inkonessjoni mat-tindif u manutenzzjoni ħafifa tal-latrini Pubbliċi. It-Tender kurrenti li għandu l-kunsill wasal biex jiskadi u għalhekk il-kunsill irid jibda jaħseb biex joħroġ sejħa ġdida. Kopja tad-dokumenti kollha li għandhom x'jaqsmu mas-sejħa għal dan is-servizz intbgħatu qabel bi imejl.

45.8.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil kunsilliera jekk jixtiequx ibiddlu xi kundizzjonijiet jew inkella jżiedu xi kundizzjonijiet oħra f'dan it-tender, qabel ma jiġi ppubblikat. Tibdil kif ukoll kundizzjonjiet addizzjonjali biex jiġu miżjuda fid-dokument tat-tender, ma kienx hemm.

45.8.3.3 Is-Sinjorina Borg talbet ukoll lil kunsill jekk issibx oġġezzjoni li ssir estenzjoni mal-kuntrattur eżistenti f'każ ta' bżonn minħabba li jaf ikun hemm xi dewmien bil-ħruġ jew l-evalwazzjoni tat-tender il-ġdid. Dan biex is-servizz ta' tindif fil-latrini ma jkunx nieqes u biex ikun hemm assigurazzjoni li l-latrini xorta jibqgħu nodfa minħabba l-iġene, sakemm jiġi ffinalizzat il-proċess tas-sejħa l-ġdida.

45.8.3.4 Il-ħruġ ta' dan it-tender, kif ukoll li ssir estenzjoni tal-kuntratt eżistenti f'każ ta' bżonn, ġew approvati mill-kunsill unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv issa ser tmexxi bl-arranġamenti neċessarji biex jiġi ppublikat it-tender il-ġdid.

45.8.4.1 <u>Talba għal bankina ġdida fi Triq Ramiro Barbaro</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill talba biex tiġi rranġatha l-bankina żgħira li hemm fi Triq Ramiro Barbaro, faċċata tal-ħajt tal-iskola.

45.8.4.2 Il-Kunsill unanimament qabel li din il-bankina tiġi rranġatha.

45.8.5.1 <u>Rapport fuq il-Ġnien Ċentru Rikreattiv</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill rapport fuq il-Ġnien Ċentru Rikreattiv, kif mħejji mis-Sindku. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat lil kunsilliera qabel il-laqgħa u qed jiġi anness ma' dawn il-minuti.

45.8.5.2 Is-Sindku qara dan ir-rapport fid-dettal. Il-Kunsilliera ħadu nota tal-punti kollha li kien hemm mniżla f'dan ir-rapport, li saret diskussjoni żgħira fuqhom kollha u finalment kien hemm qbil dwarhom.

45.8.6.1 <u>Żona Pedonali (Pedestrain Area) fi Triq Sant Andrija Sqaq nru 1</u>
Is-Sindku, Anthony Dalli, ressaq proposta fuq il-mejda biex fi Triq Sant Andrija Sqaq nru 1, il-Kunsill għandu japplika biex din il-biċċa triq tiġi żona pedonali (pedestrain area) u ma jgħaddux karozzi aktar minnha.

45.8.6.2 Is-Sur Dalli qal kif din m'għadhix triq li l-karozzi jgħaddu minnha, anke qed jintlaqtu l-gallariji għax xorta qed jgħaddu ċertu vetturi li mhux suppost. Is-Sur Dalli tal-idea li din it-triq tingħalaq bi żewġ bollards miż-żewġ naħat u jingħataw ċ-ċwievet lir-residenti għal dawn il-bollards, f'każ li tkun trid tidħol xi ambulanza minħabba xi emerġenza.

45.8.6.3 Il-Kunsill ser japplika ma Transport Malta għal din il-proposta.

45.8.7.1 <u>Talba biex jiġi mplementat culvert fi Triq il-Kunċizzjoni</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba biex jiġi mplementat culvert fi Triq il-Kunċizzjoni. Din it-talba qed tiġi mressqa wara li residenta avviċinat il-kunsill, bi problema tal-ilma li hija qed ikollha u jidħolha ġod-dar, wara li saret it-triq riċenti mill-Enemalta, meta ġie mgħoddi il-cable tad-dawl.

45.8.7.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni biex jiġi mplementat dan il-culvert.

45.8.8.1 <u>Traffic calmers fi Triq il-Kbira</u>
Wara li ġie avviċinat minn xi residenti, is-Sindku ressaq proposta fuq il-mejda biex fi Triq il-Kbira jiġu mplementati aktar traffic calmers biex tkompli titnaqqas il-veloċita li qed jgħaddu biha ħafna karozzi minn din it-triq.

45.8.8.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni biex jiġu mplementati aktar traffic calming measures fi Triq il-Kbira, apparti dawk li diġa hemm. Is-Sindku qal li qabel ma dawn jitwaħlu huwa ser ikun qed jikkonsulta mar-residenti li ser jitweħħlu dawn it-traffic calmers quddiemhom, għax forsi ma jridux ħabba t-tisbit tal-karozzi. Ser tidaħħal applikazzjoni ma' TM dwar dan.

45.8.9.1 <u>Traffic Calmers fi Triq San Liċinju</u>
Resident ieħor ukoll qed iressaq talba biex jiġu mplementati traffic calming measure, pero din id-darba fi Triq San Liċinju.

45.8.9.2 Il-Kunsill ukoll ma sabx oġġezzjoni biex dawn jiġu mplementati fejn rikjesti, biss is-Sindku reġgħa qal li qabel ma dawn jitwaħlu huwa ser ikun qed jikkonsulta mar-residenti li ser jitweħħlu dawn it-traffic calmers quddiemhom, għax forsi ma jridux ħabba t-tisbit tal-karozzi. Ser tidaħħal applikazzjoni ma' TM dwar dan.

45.8.10.1 <u>Transport – Community Police</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku tkelmu dwar il-Community Police u talba li tressqet mingħand is-Surġenta tal-Community Police biex forsi tiġi sponsorjata karozza bi renta għall-uffiċċjali tal-community police bejn il-kunsilli Ħal Lija, Ħal Balzan, L-Iklin u Ħ'Attard, biex ikun hemm aktar faċilita ta' trasport u vjaġġar bejn dawn l-erbgħa kunsilli.

45.8.10.2 Is-Sindku nforma lil kunsilliera kif fl-aħħar meeting dwar din il-materja, li kien sar mal-pulizija u l-erbgħa kunsilli, mid-dehra li oġġezzjoni ma kienx hemm esaċċ mill-kunsilli u l-erbgħa kunsilli jixtiequ jkunu ta' għajnuna. Pero xorta ma kienx approvazzjoni u kif ukoll ġew imqajma xi domandi dwar din il-proposta, bħal pereżempju għalfejn għandu jkun il-kunsill li jisponsorja din il-karozza u mhux il-korp tal-pulizija, għal kemm żmien ser tkun sponsorjatha l-karozza, x'jiġri mill-karozza kemm il-darba l-proġett tal-community police ma jibqax nseħħ u jintemm qabel ma jintemm il-kuntratt tal-leasing tal-karozza, fejn se tkun stazzjonatha l-karozza meta din mhux tintuża. etċ

45.8.10.3 Fil-jiem li għaddew il-kunsill ta' Ħal Lija kien anke irċieva kwotazzjoni ta' kemm tiswa renta ta' karozza u din il-kwotazzjoni ntbgħatet għal kummenti tat-tlett kunsilli l-oħra. Pero sa ssa kummenti m'hemmx u l-kunsilli għadhom jridu jitħaddtu nternament u jieħdu deċiżjoni dwar din il-materja fi seduta.

45.8.10.4 Is-Sindku, filwaqt li fakkar li l-kunsill qed jiġi moqdi mill-uffiċċjali tal-community police u qed jingħata servizz li ġie milqugħ u mfaħħar mir-residenti, staqsa lil kunsilliera x'inhuma l-ħsibijiet tagħhom u jekk jaqblux li l-kunsill għandhu jkun parti mill-isponsership ta' din il-karozza. Il-Kunsilliera kienu daqsxejn xettiċi dwar din il-proposta u lkoll jemmnu li din il-karozza suppost għandha tingħata mill-Gvern jew mill-Korp tal-Pulizija, bħala parti mill-proġett. Is-sindku qal kif huwa lest jaċċetta biss li din il-karozza tinkera għal sena biss bħala prova. Apparti minn hekk trid issir kundizzjoni li din il-karozza tintuża biss fl-erbgħa lokalitajiet imsemmija u l-fuel irid jagħmel tajjeb għalih il-korp tal-Pulizija. Pero l-kunsill ta' Ħal Lija qabel jiddeċiedi jrid ikun jaf x'qed jaħsbu t-tlett kunsilli l-oħra wkoll.

45.8.10.5 Għalhekk ġie deċiż li qabel ma tittieħed deċiżjoni finali u l-kunsill għandu jisma x'għandhom xi jgħidu dwar din il-proposta t-tlett lokalitajiet l-oħra.

45.8.11.1 <u>Imejl AKL – Group Life Policy – Polza ta' Assigurazzjoni tas-Sindku</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif f'waħda mis-seduti preċedenti hija kienet ressqet korrispondenza mibgħuta mill-AKL dwar Group Life Policy għal membri eletti. Hija fakret kif din il-polza ta' assigurazzjoni għal membri eletti toffri rata vantaġġuża ta' 65 euro bejn 18-il sena u 65 il-sena. Filwaqt li membri eletti li għandhom aktar minn 65 sena, ir-rata offrutha kienet ta' 340 euro.

45.8.11.2 Is-Sinjorina Borg kompliet tgħid kif l-kunsill irreġistra biss lis-sindku bir-rata ta' 340 euro, ilbqija l-kunsilliera l-oħra ġew irreġistrati bir-rata ta' 65 euro naturalment. Ġara li l-kunsill riċenti rċieva komunikazzjoni mingħand l-AKL fejn tgħid, li wara li sar l-assesjar meħtieġ fuq l-applikazzjoni tal-polza ta' assigurazzjoni tas-Sur Dalli, il-kumpanija tal-insurance qed titlob ammont ta' ħlas addizzjoni ta' 105.50 euro. B'hekk it-total tal-polza tas-Sindku minn 340 euro issa ser titla għal 445.50 euro. Is-Sinjorina Borg qalet li minkejja dan is-Sindku ma jistax joqgħod mingħajr polza ta' assigurazzjoni u ġentilment jekk m'hemmx oġġezzjoni talbet lil kunsilliera biex japprovaw dan il-pagament addizzjoni, biex b'hekk l-applikazzjoni għal polza ta' assigurazzjoni tas-Sindku, tiġi aċċettatha bħal ma ġiet aċċettatha l-applikazzjoni tal-kunsilliera l-oħra.

45.8.11.3 Dan il-pagament addizzjonali ġie approvat u s-Sinjorina Borg għandha tinforma lil AKL b'dan u tagħmel transfer tal-ammont pagabbli.

## 45.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

45.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 09/22 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €82.17 għax-xahar ta' Awwissu.

45.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 45.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

45.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alarmanti ġodda, dan skond l-informazzjoni li dejjem tagħmel u li tibgħat it-townplanner tal-kunsill. Dawn l-applikazzjonijiet dejjem anke tintbgħat kopja tagħhom għall-attenzjoni tal-kunsilliera kollha, biex kemm il-darba jagħti każ li jkunu jixtiequ joġġezzjonaw fuq xi applikazzjoni, jkunu jistgħu jitolbu biex isir dan.

## 45.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

45.11.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

45.11.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet dwar l-istat ta' Triq Dun Karm Lia. L-ewwel ħaġa hija qalet li f'parti minnhom ġo din it-triq hemm qisha ħofra li minnhom joħroġ ħafna wurdien u nsetti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif din l-informazzjoni diġa waslet l-uffiċċju ukoll u sar rapport mas-Sanita u l-pest control biex jintefa xi velenu apposta kontra dan.

45.11.2.2 It-Tieni ħaġa hija qalet li meta kienu ħadmu tal-GAP u bnew l-apartamenti li hemm illum il-ġurnata, naħseb bl-inġenji jew b'xi mpatt waqt li kien qed isir ix-xogħol it-Triq tbewqet ħafna u hemm l-art qisha sfrondatha li hemm bżonn li jsir patching tajjeb mill-kuntrattur għax hemm patch sħiħa sfrondatha. Hija ser tibgħat ir-ritratt tat-triq lis-Segretarju Eżekuttiv biex tkun tista issir identifikazzjoni aħjar tal-każ. Hija staqsiet jekk il-GAP kellhomx xi garanzija fuq it-triq u s-Sindku wieġeb minnufih li garanziji jsiru biss fuq il-bankini normalment. Filfatt il-bankina fil-kantuniera ukoll għadha ħażina u għolja wisq, minkejja li anke hemm rapport mal-pulizija fuqha.

45.11.3 Il-Kunsillier Cini qasam ritratt mas-Sindku u l-Kunsilliera kollha, u qal kif jinsab urtat wisq bil-fatt li għadt hawn nies li jabbużaw jarmu l-affarijiet barra u jħamġu l-lokalita. Ir-ritratt li tressaq fuq il-mejda tal-kunsill kien qed juri materjal ħafna minnu tal-kostruzzjoni u ġebel tal-concrete li ġie mitfugħ fi Triq Robert Mifsud Bonniċi qabel il-footpath li jieħdok għal Ħal Balzan. Il-Kunsill ser jara x'jista jagħmel biex ineħħi dan il-materjal u jindaga daqsxejn dwar dan il-każ.

45.11.4 Il-laqgħa ntemmet fi 7:03pm.

45.11.5 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta 11 ta' Ottubru 2022 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-4:30pm, mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 11 ta' Ottubru 2022.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Borg
Segretarju Eżekuttiv